**197. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Francis Zammit Dimech ippropona:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lis-Soċjetà Maltija tas-Salib l-Aħmar bini fil-Belt, Valletta ossia l-fond numru 104, 105, 105D, Sant'Ursola deskritti aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il- kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 ta' l-Att tal-1976, Kap. 268, dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu li tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond fil-Belt imsemmi hawn fuq u deskritt aħjar fl-abbozzz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti b'kera lis-Soċjetà Maltija tas-Salib tal-Aħmar għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz.

23.02.1995